Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-16 ta' Jannar 2024**

**Distrett Birkirkara**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**

**Versus**

**Priscilla Seisun**
**(64575M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Priscilla Seisun** ta' 45 sena, bint Carmelo Spiteri u Vincenza nee' Aquilina imwielda Pieta' fil-15 ta' Jannar 1975 u toqghod 43, Sincarm, Triq San Kostantinu, Birkirkara, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 64575M.

Akkuzata talli nhar it-8 ta' April 2020 ghall-habta ta' bejn it-20:30hrs u d-21:00hrs gewwa Triq il-Kbira, Birkirkara u fil-hinijiet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer Maltin :

1. Ingurjat jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Naqset milli tobdi l-ordnijiet legittimi tal-awtorita', persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallietx jew fixklet waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jewb'xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijiethom, billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ordnat jew jista' jaghmel jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

3. Meta mitluba, irrifjutat li taghti, jew tat falz lill-ufficjali pubblici jew uhud inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu dmirijiethom;

4. Bezqet xi sustanza jew nehhiet mahta mill-imnieher, jew halliet jew iddepozitat exkreta materjali tal-bniedem, inkluz vomtu jew halliet jew iddepozitat xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew ghal fuq xi triq jew xi post pubbliku, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, u/jew dan id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b'ligi;

5. F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kienet fis-sakra b'mod li ma kienetx tista' tiehu hsieb taghha nfisha;

6. Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tennieet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 95, 338(g)(dd)(ee)(ff), kif ukoll Skeda 1 Regolament 4 ta' L.S. 549.40 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **Priscilla Seisun hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-hatja titqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħatja titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstabet hatja b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qed tqieghed lil hatja Priscilla Seisun taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tinghata l-ghajnuna psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll ghajnuna ohra li jista' jkollha bzonn il-hatja, hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **sentejn (2)** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja Priscilla Seisun. L-Ufficjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill- hatja u x'jigri jekk hi ma toqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, jew jekk tikkommetti reat iehor fi zmien **sentejn (2)** millum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**